**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Simone Grech B.A. LL.D Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum 24 ta' Jannar 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Paschalino Cefai**

**Kawża numru 22/2022**

## Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Paschalino Cefai, fejn ġie akkużat talli

**"…..** *nhar il-31 ta' Marzu 2022 ghall-habta ta' 10.30a.m. fi Triq il-Madonna tac-Cicri, Zebbug, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi;*

1. *Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Dumitru Emilian Vlasceanu, hekk kif iċċertifika Dott. Claude Borg M.D. Reg. No. 6068 u dan bi ksur tal-artikoli 214, 216 u 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *U aktar talli fil-istess lok, hin, data u ċirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu b'digrieti mill-Qorti Kriminali (Malta) (Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.) datat 24 ta' Novembru 2016 u mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Magistrat Dr. Simone Grech LL.D.) datat 18 ta' Jannar 2022, li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija li ma jagħmilx reat ta' natura volontarja kemm idum jibbenefika minn dan il-ħelsien u dan bi ksur tal-artikolu 579 tal-Kapitolu 9;*

4. *U aktar talli rrenda ruhu reċediv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenza mogħtija mill-Qrati ta' Malta u/jew Għawdex, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;*

*Il-Qorti hija mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imsemmi Paschalino Cefai u tordna l-arrest mill-ġdid tal-imsemmi imputat kif ukoll tordna s-somma bhala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-Artikolu 579(2)(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*F'kaz ta' htija il-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' Dumitru Emilian Vlasceanu u dan ai termini tal-Art. 382A u 383 et seq. tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Il-Qorti hi ġentilment mitluba illi minn issa tipprovdi għall-garanzija ta' Dumitru Emilian Vlasceanu skont artikolu 412(C) tal-Kap. 9 tal-Kodiċi Kriminali."*

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati.

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tal-24 ta' Novembru 2022.

Rat li l-imputat ma kellu l-ebda oġġezzjoni li dan il-każ jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bil-proċedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' din il-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Fil-mori ta' dawn il-proceduri, il-parte ċivile ddikjara li ma għadx baqalu interess fil-proċeduri u li ma kienx ser jixhed f' dawn il-proċeduri stante li kien hemm proċeduri pendenti l-istess inċident anke fir-rigward tiegħu stess.

Meta l-Qorti fliet l-atti kollha u l-provi mressqa, hija tqis li l-ewwel zewġ imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat ma ġewx ippruvati mill-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli. Stante li dawn l-ewwel zewġ imputazzjonijiet ma ġewx ippruvati, l-imputat lanqas ma jista' jinstab ħati tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet.

**Deċide:**

**Għaldaqstant, din il-Qorti mhux qed issib lil imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tiegħu stante nuqqas ta' provi u qed tillibera lil Paschalino Cefai minn kull kundanna u ħtija.**

**(ft.) Dr. Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft.) Diane Farrugia**
**Deputat Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**